

# Il-Familja u l-"Konverżjoni tal-lingwa" pastorali tagħna

**Nadia Delicata**
nadia.delicata@um.edu.mt

"Il-familja mhix suġġett ta' dibattitu jew ta' konfront ideoloġiku. Il-familja hija l-ambjent fejn nitgħallmu nikkomunikaw b'mod intimu, fejn il-vera komunikazzjoni sseħħ; hija **l-komunità li tikkomunika**. Il-familja hija l-komunità li tagħti l-għajnuna, li ticcelebra l-ħajja, li tagħti l-frott. Meta nifhmu dan, nirrealiżżaw li l-familja mhix problema jew istituzzjoni fi kriżi, imma tibqa' l-iktar riżorsa mportanti u prezzjuża għall-bniedem."

**–49 Messaġġ tal-Jum Dinji tal-Komunikazzjoni**

CNA Catholic News Agency

Editors Service | About us | Donate | Italian | Spanish | Portuguese

Log in | Register

News | Mandate | Resources | Tools | Columns | Documents | Mama Needs Coffee | CNA Blog | Search

Home » News » Vatican

# Pope Francis on the family synod: 'We need prayers, not gossip'

31K | 150 | 0 | 31K

Free email newsletter | Subscribe








Your CNA account

Login with your social network:

Or login here using your email



Il-biżgħa tal-għarqa?

# Parabbola għal żmienna?

L-istess forza li tgħarraq tista' ssir il-forza li ssalva mill-għarqa—jekk nagħrfu naħdmu ma' din il-forza b'mod intelliġenti.






Konverżjoni tal-lingwa
jew
Lingwa li tikkonverti



Komunità li tikkomunika



Komunità — Komunikazzjoni — Komunjoni

“Iktar milli għandna bżonn lingwa biex nitkellmu fuq il-familja, għandna bżonn nitgħallmu nifhmu l-lingwa li biha l-familja, minnha nnifisha, tikkomunika.”

“Il-bniedem jeżisti għall-ħajja familjari u l-familja hija l-ambjent naturali tal-bniedem.

Għalhekk, li nifhmu l-lingwa tal-familja, huwa l-unika mod kif fil-ħidma pastorali tagħna nistgħu nakkumpanjaw il-familji li jinsabu f’diffikultà.”

# Tliet aspetti

- Li nagħrfu tassew x'inhi **n-natura tal-kriżi tal-familja**
- Li nagħrfu kif il-familja bħala komunikazzjoni, bħala lingwa, issir **Bxara Tajba għall-bnedmin kollha**
- Li nagħrfu kif il-lingwa pastorali tista' tkun **għodda li takkumpanja** biex l-esperjenza ta' krizi ssir esperjenza tal- ferħ tal-Vanġelu

# Il-kriżi tal-familja

- Anke meta l-kriżi tieħu forom u xejriet differenti, id-dnub jibqa' wieħed
- Kristu jiftaħ il-bieb biex il-kriżijiet fir-relazzjonijiet tagħna naqrawhom mil-lenti tas-salvazzjoni:
  - **Mhux biss il-bniedem kif inhu, imma l-bniedem kif jista' jkun**
- Waqt li kull żmien għandu l-jasar tiegħu, kull żmien jixhed it-tama tal-bniedem li jsir iben/bint Alla



# Il-familja lingwa ta' komunjoni

- Il-familja hi l-mod ta' "komunikazzjoni" originali għall-bniedem għax hija mera tal-Komunjoni Originali: it-Trinità Mqaddsa

- Kemm bħala Knisja domestika imma anke bħala Knisja universali, il-familja hija l-ispazju privileġġjat fejn nircievu r-rigal tal-imħabba: l-Ispirtu s-Santu

- Il-familja ssir ritratt tal-imħabba tal-Missier għall-Iben, u tal-Missier u l-Iben lejn d-dinja




For God so loved the world that
He gave His one and only Son
that whoever believes on Him
shall not perish but have
eternal life
John 3:16
www.thebridgecommunitychurch.org.uk



Il-Missier jgħannaq lil ibnu


"Be merciful, even as
your Father is merciful."
Luke 6:36



Nitkellmu l-lingwa tal-familja:
L-akkumpanjament
pastorali u spiritwali








*Miserando atque eligendo*
“Lowly but chosen”

“Il-lingwa pastorali, hija wkoll il-lingwa l-iktar profondament teologika għax turi bic-car Alla min hu, Alla min jixtieq ikun, għall-bnedmin li huwa jfittex li jħobb. …

Il-familja hi d-dar tal-ħniena.”

“L-implikazzjoni ta’ dan il-messaġġ hija wkoll li mhux biss nitgħallmu x’inhi l-ħniena fil-familji tagħna, imma li ngħallmu l-ħniena permezz tal-eżempju pastorali tagħna lill-familji.”

# Ir-ragħaj jieħu r-rieħa tan-nagħaġ tiegħu

Il-ħidma "pastorali" hija dejjem relazzjonali

Il-lingwa pastorali hi dik li takkumpanja b'rispett u ħniena



“Il-konverżjoni u l-konvinzjoni ma jiġux mill-
argumenti, imma mill-esperjenza:

x’jiġri kieku, minkejja d-difetti kollha tiegħi,
minkejja d-dgħufija kollha tiegħi, nipprova ngħix
daqs li kieku jien aħjar milli fil-fatt jien?”




L-aħbar hija "tajba" għax tagħti l-ferħ.

U għax tagħti l-ferħ, għax timla l-qalb, twassal għall-konverżjoni, għal ħajja ġdida, ħajja ta' qdusija fi kwalunkwe cirkostanza ta' ħajjitna.

Grazzi.